**Laqgħa Numru 27**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ix-Xewkija**

**IT-TMIEN LEĠISLATURA**

**1 ta' Lulju 2021**

Il-Kunsill Lokali tax-Xewkija iltaqa' fl-Uffiċju Amministrattiv tal-Kunsill fi Triq Santa Katerina, Ix-Xewkija. Il-laqgħa bdiet fl-4.38 ta' wara nofsinhar.

---

PREŻENTI:

Hubert Saliba - Sindku

Paul Azzopardi - Viċi Sindku

Jeanelle Attard - Kunsilliera

Domenic Zerafa - Kunsillier

ASSENTI B'APOLOĠIJI (skond Ordni Permanenti 14A (3):

Johnny Vella - Kunsillier

ASSENTI

n/a

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Marion Attard - Segretarju Eżekuttiv

## 27.1 Qari tal-Ittri ta' Apoloġija

27.1.1 Ma kienx hemm ittri tal-apoloġija.

## 27.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

27.2.1 Il-minuti tal-Laqgħa Nru 25 li saret nhar l-Erbgħa 26 ta' Mejju 2021 u l-minuti tal-Laqgħa b'urġenza Nru 27 li saret nhar it-Tnejn 14 ta' Ġunju 2021 ġew approvati mill-membri tal-Kunsill preżenti. Dawn ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

## 27.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

27.3.1 Is-Sindku nforma lis-sedja li min-naħa tal-Ministeru dakinhar stess kien beda r-restawr fuq l-istatwa ta' San Ġwann fi Triq Widnet il-Baħar. It-talba għar-restawr kienet saret mill-Kunsill stess.

27.3.2 Is-Sindku ssuġġerriexxa li jsir air-condition fil-kuritur hekk kif l-air-condition fil-kamra tal-iskrivani ken qed kontinwament jagħti ħafna problemi. Il-membri tal-Kunsill ddiskuttew li s-Segretarju kellha tiċċkekja jekk il-garanzija kinitx għadha fis-seħħ qabel ma ttieħed deċiżjoni.

27.3.3 Is-Sindku ssuġġerriexxa li minflok l-arma tal-Kunsill mal-latrina fil-pjazza kellha ssir speċi ta' *silhouette* tar-rotunda u jinkiteb ukoll il-motto tal-Kunsill.

27.3.4 Is-Sindku talab li jinxtara sett ta' bnadar ġodda peress li s-settijiet li għandu l-Kunsill kienu spiċċaw bl-użu. Il-membri qablu ma' dan.

27.3.5 B'referenza għall-għeluq tal-pjazza fi tmiem il-ġimgħa tul is-sajf, is-Sindku ssuġġerriexxa li għandha tintbagħat talba lill-Ministeru t'Għawdex biex nara jekk hux possibli li jgħinuna biex il-pjazza tingħalaq fuq jumejn u mhux biss is-Sibt. Il-pjazza kellha tingħalaq anke bil-bollards li jkunu jista' jitwaħħlu u jinqalgħu faċilment, u jkun hemm l-assistenza ta' uffiċjal minn TM. It-traffiku min-naħa ta' wara l-Knisja kellu jiġi ddivertit minn Triq San Pawl għa Triq San Bert.

27.3.6 Is-Sindku semma kif il-proġett propost mis-Sindku t'Għajnsielem fejn kien talab li jissebbaħ il-ġnien taż-żebbuġ bis-sħab bejn iż-żewġ Kunsilli rigward li hemm qrib il-Wasteserv kien hemm pjanijiet li kien ser jidħol għalih Infrastructure Malta.

## 27.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

27.4.1 Il-Kunsilliera Jeanelle Attard rreferriet għall-interactive board li kien għadu mhux ikkuntatjat mal-internet. Il-membri tal-Kunsill iddiskuttew li hemm bżonn framing madwar l-interactive. Il-membri tal-Kunsill iddiskuttew li għandu jsir framing tal-aluminium iswed.

27.4.2 Il-Kunsillier Domenic Zerafa ġibed l-attenzjoni li hemm ġurdien mejjet fi Triq Ħamsin u

hemm xi kaxxa bil-ġebel li kellha tinġabar minnufih. Il-Kusiller spjega li hemm bżonn li jintefa' t-tosku fi triq hekk kif qed jiġbdulu l-attenzjoni r-residenti. Is-Segretarju spjegat li kienet baghtet imejl lil tas-Sanita' li kienu diġa' tefgħu t-tosku. Hemm ukoll kaxxa bil-ġeb

27.4.4 Il-Kunsilliera Jeanelle Attard irreferriet għar-rimi ta' ġlud ta' annimali mormija qrib Masġar Blankas. Il-Kunsill iddiskutta li din kienet problema li l-Kunsill jiffaċja kull sena. Is-Sindku kkuntatja dak il-ħin stess lid-direttur ta' Eco Gozo biex jivverifika l-proċedura li suppost il-Kunsill jadotta kemm f'dan il-każ u minħabba l-punt diskuss f'item 27.4.2

27.4.5 Il-Kunsilliear Jeanelle Attard staqsiet dwar ir-rispons li kien hemm fir-rigward tat-transport tal-iskola. Is-segretarju spjegat li kien hemm xi studenti miktuba u li l-applikazzjoni kienet miftuħa sal-15 ta' Lulju. Għaldaqstant il-Kunsill kelli jiddeċiedi fil-laqgħa t'Awwissu hux ser tkun qed toħroġ is-sejħa għas-servizz tal-van tal-iskola.

27.4.6 Il-Viċi Sindku ġibed l-attenzjoni dwar mera fi Triq Jean De La Valette fejn tal-Granola. Is-Segretarju spjegat li hemmhekk jaqa' taħt ir-responsabilta' tal-MIP.

27.4.7 Il-Viċi Sindku talab li ssir manitenzjoni mal-latrina tal-pjazza. Is-Sindku spjega li kien hemm lekeage tal-ilma. Il-Kunsill qabel li kellu ssir manitenzjoni minnufih. Il-Kunsill iddiskutta ukoll ix-xelter ta' taħt il-latrina fejn is-Segretarju ħadet nota biex tiċċekjaw mas-surveyor li kien responsabli biex iwettaq is-survey.

27.4.8 Il-Kunsilliera Jeanelle Attard semmiet ix-xewqa li napplikkaw għall-mobility week. Il-Kunsilliera Attard semmiet xi attivitajiet li setgħu jiġu mtella'.

27.4.9 Viċi Sindku , fuq ssuġġeriment ta' Dun Mikiel Xuereb talab li jsir bust ta' l-Arċipriet Grech li kien se jagħlaq 50 sena mejjet. Il-Kunsill iddiskutta u kien hemm qbil li talli talba kellha tintbagħat bil-miktub u tinkludi ukoll stima ta' dan il-bust.

27.4.10 Il-Kunsillier Jeanelle Attard rrefferriet għall-korsijiet tas-sajf li għajr għas-sena li għaddiet ma kinux ingħataw minħabba l-Covid-19 dejjem saru. Il-Kunsill qabel li kellhom isiru korsijiet tal-fotografija, xjenza, tafal, kartolina, tpinġija, bizzilla u tal-ICT. Il-Kunsilliera Jeanelle Attard issuġġerriet li jsiru 8 sessjonijiet u li għandu jintuża l-Kunsill il-qadim. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta. Ġie maqbul mill-membri tal-Kunsill preżenti il-prezz għal dawk mix-Xewkija u dawk u r-rati li kellhom jitħallsu lill-għalliema

27.4.11 Il-Viċu Sindku ġibed l-attenzjoni li hemm borġ trab fi Triq Majmuna li kien baqa' ma nġabarx waqt li l-Kunsillier Domenic Zerafa ġibed l-attenzjoni bil-ħmieġ li hemm fi Triq Torri Gorġun. Fuq l-istess problema, il-Kunsilliera Jeanelle Attard sostniet kemm iż-żamma tat-toroq kienet reġgħet marret lura. Il-Kunsill qabel li għandu jintbagħat imejl b'ultimatum għax il-Kunsill ma kienx jista' jaċċetta dan it-tip ta' servizz.

27.4.12 B'referenza għall-festa tal-Qtugħ Ir-Ras ta' San Ġwann, il-Kunsillera Jeanelle Attard ssuġġerriet li ssir attivita' għaż-żgħażagħ marbuta mal-ħajja ta' San Ġwann. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta' li kellha tieħu ħsieb torganizza il-Kunsillera Attard stess flimkien ma' grupp ta' żgħażagħ. Il-membri tal-Kunsill qablu li ż-żgħażagħ li

jipparteċipaw kellhom jingħataw rigal kommemorativ, stampa fuq kanvas tal-qtugħ ir-ras ta'San Gwann ta' Caravaggio.

27.4.13 Viċi Sindku staqsa jekk kienx hemm xi żvi rigward l-appell tal-Perit. Is-Segretarju wieġbet li ma kienet waslet l-ebda korrispondenza oħra. Il-membri preżenti unanimament qablu li għandu jinħatar il-Perit Shawn Micallef fuq xogħlijiet urġenti.

27.4.14 Il-Viċi Sindku staqsa rigward meta kien se jsir il-patching fit-toroq. Is-Sindku spjega li dan ma kienx sar minħabba li l-Kunsill kien qed jistenna l-*awarding* tas-sejħa tal-offerti għas-servizz tal-Perit li issa kien hemm appell fuqu. Il-Kunsill qabel li għandu jaħdem fuq din il-biċċa xogħol il-Perit Micallef. Il-Kunsill iddiskutta li dan it-tender jaf ma jkunx biżżejjed biex isir il-patching kollu li hemmn bżonn u jaf jkun hemm bżonn li joħroġ tender ġdid bħal fuq toroq bħal Ta' Ġokk.

27.4.15 Il-Kunsilliera Jeanelle Attard ssuġġerriet li meta tissemma' xi triq ġdida għandha ssir ċerimonja li tfakkar lil dik il-persuna li għaliha tkun qed tissemma' t-triq u jiġu mistiedna l-familjari u qraba tal-istess familja. Il-membri preżenti unanimament qablu li għandha ssir din it-tip ta' ċermonja qasira u sabiħa.

27.4.16 Il-Kunsilliera Jeanelle Attard irrimarkat kif għadu ma nxtarax screen projector għal-Boardroom. Il-membri preżenti qablu li dan għandu jkun jaħdem bil-mutur u kellu jinxtara minnufih.

27.4.17 Il-Kunsillier Domenic Zerafa staqsa jekk il-paneli fuq il-Kunsill l-antik kinux qed jinħaslu. Is-Segretarju ħadet nota ta' dan.

**27.5 Triq Santa Eliżabetta**

27.5.1 Is-Segretarju għarrfet lill-Kunsill li l-kont provdut mill-kuntrattur ma kienx iċċertifikat mill-Perti tal-Kunsill. Għaldaqstant il-kont ma setax jiġi preżentat fuq il-mejda tal-Kunsill.

**27.6 Ħatra Bord tal-Evalwazzjoni- Restawr Ħitan tas-Sejjieħ (Ta' Bordin u Tal-Misraħ u Ta' Brieghen)**

27.6.1 Is-Sindku ssuġġerriexxa li fuq il-bord tal-evalwazzjoni kellhom joqogħdu bħala evalwaturi il-Perit Micallef, l-accountant Darren Mercieca u l-avukat Dr Kevin Mompalao waqt li bħala chairperson joqgħod is-Sindku stess u segratarju tal-Bord toqgħod is-segratarju tal-Kunsill.

**27.7 Proġetti**

27.7.1 B'referenza għal-Playingfield ta' Ġokk, is-Sindku ssuġġerriexxa li l-Kunsill japplikka taħt id-Development Planning Fund biex ikun jista' jittranġa l-playingfield Ta' Ġokk. Is-

Sindku spjega li għalkemm kienet saret applikazzjoni għal skema li kienet inħarġet mid-Dipartiment din l-istess skema kienet se tallokka sa €20,000 biss dejjem jekk il-proġett jintgħażel. B'dan l-ammont żgur li ma kienx jista' jsir proġett kif irid il-Kunsill.

27.7.2 Is-Sindku nforma lill-membri tal-Kunsill preżenti li l-Gym Equipment kien wasal pero' hu kien tal-fehma li dan m'għandux jitwaħħal peress li dan kien propost għal Playingfield ta' Ġokk u ma kienx jagħmel wisq sens li jitwaħħal u jinqala' ftit xhur wara hekk kif il-Kunsill kien għadu kif qabel li jmexxi b'applikazzjoni taħt id-DPF.

27.7.3 Is-Sindku spjega li kien tkellem mal-persuni responsabli mill-proġett tal-Eco Park f'Tal-Barmil fi ħdan il-Ministeru tal-Enerġija fejn kienu kkonfermawlu li l-proġett kien se jitkompla. Dan anke peress li l-proġett kien waqa' lura milli jibda.

27.7.2 Il-Kunsilliera Jeanelle Attard staqsiet jekk it-tender tal-play equipment kienx ħareġ jew le. Is-Sindku wieġeb fin-negattiv hekk kif konna għadna qed nistennew l-ispeċifikazzjonijet jiġu ppreprati min-naħa tal-Perit ikkonċernat.

**27.8 Skemi mir-Reġjun għal-Librerija**

27.8.1 B'referenza għall-iskema maħruġa mir-Reġjun -Librerija fil-Lokalita' 2021, is-Sindku ssuġġerriexxa li peress li fil-librerija fis-snin l-imgħoddija kien sar investiment kapitali jkun għaqli nitolbu lir-reġjun biex naraw jekk hux possibli li dawn il-flus sa massimu ta €3,500 jintużaw għal-Kunsill il-qadim li l-Kunsill kien qabl li jinbidel f'Learning Hub.

**27.9 Tiżjin tal-Milied**

27.9.1 Is-Sindku rreferra għat-tiżjin tal-Milied fil-pjazza u triq San Bert fejn issuġġerriexxa li bħas-snin l-imgħoddija l-pjazza tibqa' tintrema mis-Sur Mizzi waqt li l-Għaqda tal-Armar noffurlha li tarma tiżin ieħor għal żmien il-Milied. Il-membri preżenti qablu ma' dan waqt li l-armar ilu ħafna jintuża għandu jsir tiżjin ġdid skond id-disinn li kien preżenta s-Sindku s-sena li għaddiet.Il-materjal ilu li nxtara u seta' jieħu ħsiebu s-Sur Mizzi stess. Il-Kunsill iddiskutta l-possibilta' li jintrema frame biex wieħed ikun jista' jieħu ritratt u jġib ir-Rotunda fuq wara.

**27.10 Korrispondenza u Ilmenti**

27.10.1 Ċirkulari AKL 2021/044 – SEM – Capacity Building Session Project Development. Sessjoni ta' taħriġ biex meta wieħed jiġi biex jiżviluppa proposta ta' proġett fil-lokalita' jkollu l-għodda meħtieġa.

2710.2 Ċirkulari AKL 2021/045 – Communication with people with special needs – Mentor Aid Session. Sessjoni ta' taħriġ fuq kif wieħed jista' jifhem u jikkomunika aħjar ma nies bi bżonnijiet speċjali.



MA

1/3

27.10.3 Imejl mingħand is-Sa Evalina Maria Colacino dwar 'Webinar On The Funding and Tenders Portal'.

27.10.4 Imejl mingħand is-Sa Amanda Baker fejn talbet biex tibda tarma fil-monti.

27.10.5 Ċirkulari AKL 2021/046 – Cross-KIC New European Bauhaus Call: Capitalising on existing public realm solutions. Stedina lill-Kunsilli Lokali sabiex jibbenifikaw min dan il-fond Ewropej.

27.10.6 PI/SCI/4/2021 – Korsijiet Lifelong Learning 2021/2022 offruti mid-Direttorat għar-Riċerka, Tagħlim tul il-Ħajja.

27.10.7 Imejl mingħand PC Sammut, dwar l-laqgħa mas-Supretindent Mr J.Hersey.

27.10.8 Imejl mingħand is-Sa Frankline Zammit Galea Kap tal-Iskola Primarja dwar l-għażla tal-President tal-Kunsill Skolastiku.

27.10.9 Invit : ReNaturing Cities through collaborations for Nature-based solutions conference.

27.10.10 Imejl mingħand l-Av Deborah Camilleri dwar traffic management fi Triq Sansun u Triq San Ġwann Battista.

27.10.11 Imejl mingħand is-Sur George Cremona fejn talab biex jinqata l-ħaxix fi Triq Indri Borg.

27.10.12 Imejl mingħand is-Sur Victor Galea dwar il-perikli li qed ikun hemm fil-ħinijiet tal-VPA School minħabba li qed ikun hemm karozzi ipparkjat ħażin u studenti li jridu jaqsmu t-triq. Dan filwaqt li t-triq li hija prinċipali tkun miftuħa għat-traffiku wkoll.

27.10.13 Imejl mingħand Tikka Banda dwar is-servizz li joffru huma bl-isem ta' Festa Gallarija fejn ir-residenti jistgħu igawdu ftit ħoss tal-festa tradizzjonali minn djarhom.

27.10.14 Ċirkulari AKL 2021/047 Kontroll tal-ħamiem selvaġġ fil-lokalitajiet. Proċess ta' trażżin tal-ħamiem selvaġġ.

27.10.15 Skema 2021-2022 biex isir ingaġġ ta' Uffiċċjal tal-Komunits "Steward" għat-trattament xieraq tal-annimali biex jaħdem fil-lokalitajiet f'Malta u Għawdex.

27.10.16 Imejl mir-Reġjun Għawdex dwar il-lagħa numru 102 tar-Reġjun Għawdex li ser tinżamm il-Ħamis 10 ta' Ġunju 2021.

27.10.17 Imejl mingħand is-Sur Holger Camilleri dwar id-distribuzzjoni tal-materjal marbut mal-inizjattiva Water Be The Change.

27.10.18 Ċirkulari AKL 2021/048 Kunsill Nazzjonali taż-Żgħażagħ.

27.10.19 Ċirkulari SPI.APP.6.2021 – Emendi fil-proċess għall-Amministrazzjoni ta' Propjeta' Pubblika (Devoluzzjoni).

27.10.20 Imejl mingħand is-Sur Fabian Galea dwar 'URBACT City Festival – Take a closer look at the programme!'.

27.10.21 Imejl mingħand il-kumitat Olimpiku Malti dwar l-attivita 'Olympic Day Activities021'.

27.10.22 Ċirkulari AKL 2021/049 Active Ageing Applications forms.



MU

B

27.10.23 Ċirkulari AKL 2021/050 - Proġett organizzat minn IOM, fejn l-Assoċċjazzjoni ser tkun qed tattendi għal workshop bit-tema Eqalcity Toolbox Creating safe spaces for LGVTQI+ people with a migrant background.

27.10.24 Stedina lill-Kunsilli Lokali għal-laqgħa mal-Head Office tad-Direttorat għall-Wirt Kulturali fi ħdan il-Ministeru Għal Għawdex dwar wirja viżiva "on the road' fis-sena 2022.

27.10.25 Ċirkulari AKL 2021/051 Permessi għal-armar ta' Big Screens jew għal xi attivita oħra. Il-Kunsilli Lokali m'għandhom joħorġu l-ebda permess għal armar ta' Big Screens jew għal xi attivita oħra li tali attivita tista tiġbed aktar minn sitt persuni fil-pubbliku.

27.10.26 Ċirkulari AKL 2021/052 – Social Field: Youth and Criminality. L-Erbgħa 30 ta' Ġunju l-AKL ser torganizza Webinar li jitratta d-Dekasteru tal-Qasam Soċjali.

27.10.27 Imejl mir-Reġjun Għawdex dwar Skema Reġjonali – Libreriji fil-lokalita' 2021.

27.10.28 Ċirkulari AKL 2021/053 – Together with refugees – The Power of Inclusion. Inizjattiva fuq il-mezzi soċjali għal aktar għarfien dwar il-Jum Dinji tar-Refuġjati.

27.10.29 Ċirkulari AKL 2021/054 – Servizz għall-Anzjani offruti fil-lokalitajiet – Psychotherapy.

27.10.30 Imejl mingħand is-Sa Monica Mercieca dwar il-ħinijiet tal-ftuħ tal-librerija mis-16 ta' Ġunju.

27.10.31 Sejħiet għall-proġetti taħt il-programm il-ġdid tal-Unjoni Ewropeja CERV – Town Twinning / Network of Towns.

27.10.32 Ċirkulari AKL 2021/055 World Blood Donor Day 2021. L-Assoċċjazzjoni bdiet tikkordina sabiex jinġibed filmat tal-binjiet li l-Kunsilli xegħlu bl-aħmar.

27.10.33 Ċirkulari AKL 2021/056 – Inizjattiva li Parks Malta flimkien mal-Ministeru għall-Enerġija, Intrapriża u Żvilupp Sostenibbli. Proġett pilota sabiex jinħolqu Community Gardens fil-lokalita'.

27.10.34 Ċirkulari AKL 2021/057 – Permessi temporanji u riversibli fejn ir-ristoranti jistgħu jużaw l-ispazju fil-faċċata tagħhom għas-servizz tagħhom.

27.10.35 Ċirkulari AKL 2021/058 – Tnedija tal-proġett sabiex jiġi kkontrollat il-ħamiem fil-lokalitajiet.

27.10.36 Ċirkulari AKL 2021/059 Proċess għall-Devoluzzjoni mill-Kunsilli Reġjonali/Kunsilli Lokali.

27.10.37 Talba mill-Kap tal-Iskola Primarja s-Sa Zammit Galea għall-użu mil-librerija għall-eżamijiet annwali.

27.10.38 Imejl mingħand is-Sur Mario Saliba dwar il-ktieb li ppublika bl-isem ta' Ħajja u Mewt, Il-Mard u s-Saħħ f'Għawdex. Huwa qal li jekk il-Kunsill jixtieq jixtrih għandu jikkuntatjah.

27.10.39 Imejl mingħand Transport Malta fejn infurmawn li l-permess tal-għeluq tat-toroq jistgħu jibdew jingħataw mis-7.00am l-quddiem.



HB MG

27.10.40 Ċirkulari AKL 2021/060 European Mobility Week 2021 – Kompetizzjoni. TM ser tkun qed torganizza Webinar fuq is-suġġett nhar il-5 ta' Lulju 2021.

27.10.41 Ċirkulari AKL 2021/061 Well Being 360. Sensiela ta' laqgħat informattivi lir-residenti.

27.10.42 Ċirkulari AKL 2021/062 Invitation – Online Stakeholder information session on the Bellus Call for Projects.

27.10.43 Invit mingħand Reġjun Għawdex għall-Preżentazzjoni ta' Kotba – Libreriji fil-lokalita' nhar il-Ġimgħa 9 ta' Lulju 2021.

27.10.44 Imejl mingħand is-Sur Fabian Galea dwar "Science meets Regions" Sejħa għall-interess.

27.10.45 Fuq il-mejda tal-Kunsill tressqet it-talba biex isir bozza ġdida fi Triq Antonino Saliba. It-talba ġiet milqugħa b'mod unaninimu mill-membri kollha tal-Kunsill preżenti.

27.10.46 L-ilment biex jinżabgħu s-sinjali tat-traffiku fi Triq San Bert ġie indirizzat. Is-Sindku spjega li ser jinżabgħu s-sinjali fit-toroq kollha tar-raħal.

27.10.47 It-talba biex jinżebgħu double yello line quddiem sqaq ġiet diskuss. Waqt li l-Kunsill ddiskutta li dawn m'humiex permessi, s-Segretarju ħadet nota biex tiċċekja ma' TM.

27.10.48 Il-Kunsill iddiskuta t-talba għal disable parking space fi Triq Il-Ħamrija. Il-Kunsill ppropona li għandu jsir Communal Disable Parking Space quddiem l-iskola.

**27.11 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-Pagamenti**

27.11.1 Quddiem il-Kunsill tressqet l-iskeda ta' pagamenti biex ikunu approvati mill-Kunsill li kienet intbagħtet mal-Aġenda għall-attenzjoni tal-Kunsill. L-iskeda kif ippreżentata ġiet aċċettata mill-Kunsill. Kopja ta' din l-iskeda qed tinhemeż mal-minuti.

**27.12 Tmiem tal-Laqgħa u Data tas-Seduta li jmiss**

27.12.1 Il-laqgħa ntemmet fit-19.45pm. Il-membri tal-Kunsillier unanimament qablu li s-seduta li jmiss għandha ssir nhar l-Ħamis 5 t'Awwissu fl-4.30pm.

Konfermati, illum 12 t'Awwissu 2021

Hubert Saliba

Sindku

Marion Attard

Segretarju Eżekuttiv